# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju 2024**

**Numru 11**

**Rikors numru 763/2017TA**

**Lee Tanti**

**v.**

**Clayton Bugeja u**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell mill-attur dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni likwidati mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal ħsara fuq il-persuna tiegħu b'konsegwenza li safa' mtajjar minn karozza huwa u miexi fit-triq. kif ukoll appell inċidentali mis-sewwieq u l-assikurazzjoni tiegħu li permezz tiegħu qegħdin jattakkaw is-sentenza kemm dwar is-sejbin ta' responsabilità tas-sewwieq kif ukoll dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni.

2. Permezz tar-rikors ġuramentat tal-21 ta’ Awwissu 2017, Lee Tanti, wara li ppremetta:

1. Illi nhar l-24 ta’ Awwissu, 2015 seħħ inċident fi Triq it-Tiġrija, Rabat, Malta meta waqt li l-konvenut Clayton Bugeja kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Fiat Punto sewda bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBZ331 – assigurata mal-kumpannija Allcare Insurance Limited li tagħha l-kumpannija konvenuta Mapfre Middlesea p.l.c. hija s-suċċessur fit-titolu permezz tal-polza ta’ assigurazzjoni bin-numru: PCAIL05638 – bi traskuraġni grassa, imprudenza u nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-esponenti u telaq u ħarab minn fuq il-post ta’ l- inċident.

2. Illi dan l-inċident seħħ unikament u esklussivament minħabba negliġenza grassa, traskuraġni, b’nuqqas ta’ ħila u tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Clayton Bugeja u dan kif ser jirriżulta ampjament matul il-mori ta’ dina l-kawża.

3. Illi kaġun ta’ dan l-inċident, l-esponenti sofra u għadu qiegħed isofri danni konsistenti kemm f’*damnum emergens* kif ukoll f’*lucrum cessans* u dana peress illi huwa sofra debilità permanenti f’persuntu u għadu sallum ibagħati l-konsegwenzi ta’ dan l-inċident kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta’ dina l-kawża.

4. Illi l-kumpannija konvenuta Mapfre Middlesea p.l.c. bħala assiguratriċi tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBZ331 hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-esponenti a tenur ta’ l- Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta) nonostante kwalunkwe restrizzjoni li jista’ jkun hemm fil-polza ta’ assikurazzjoni maħruġa għall-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBZ331 u dan kif jipprovdi l-artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Clayton Bugeja huwa responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar l-24 ta’ Awwissu, 2015 fi Triq it-Tiġrija, Rabat, Malta hawn fuq deskritt, f’liema inċident l-esponenti sofra debilità permanenti.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija konvenuta Mapfre Middlesea p.l.c. hija responsabbli *in solidum* mal-konvenut Clayton Bugeja versu l-esponenti għad-danni kollha sofferti mill-esponenti konsegwenza ta’ l-

istess inċident u dana ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza ta' l-imsemmi inċident, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan.

4. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-esponenti dawn id-danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.

4. Permezz risposta ġuramentata tagħhom, Clayton Bugeja u s-Soċjeta` Mapfre Middlesea p.l.c eċċepew:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li l-incident stradali li sehh fl-24 t' Awwissu 2015 fi Triq it Tigrija, Rabat, wagt li l-esponenti Bugeja kien qieghed isuq il-vettura bin- numru ta' registrazzjoni CBZ331, ma garax minhabba traskuragni grassa, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-esponenti Bugeja.

2. Illi l-incident gara minhabba u konsegwenza tan-nuqqas tar-rikorrent illi kien miexi bil-lejl fit-triq mudlama, liema rikorrent naqas li josserva d-dmirijiet tieghu ta' *pedestrian* skont il-ligi, hekk kif stipulati *Highway Code*, u dan kif ser jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi konsegwenza tal-incident, il-vettura tal-konvenut garrbet hsarat.

4. Illi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni u t-talbiet tieghu fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Illi ma huwiex minnu dak allegat mir-rikorrent li s-socjeta' konvenuta naqset milli tirrispondi ghall-ittra ufficjali tar-rikorrent, tant li s-socjeta' konvenuta b'ittra datata 9 ta' Frar 2016 (hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A) talbet lir-rapprezentant legali tar-rikorrent sabiex jipprovdilha claim dettaljata, rapport mediku u dokumentazzjoni ohra, liema informazzjoni baqghet ma ntbaghtitx lis-socjeta' konvenuta.

6. Illi l-allegazzjoni li l-konvenut Bugeja "*telaq u harab minn fuq il-post ta' l-incident*" trid tittiehed ukoll fl-isfond tal-verzjoni tal-fatti illi l-konvenut.

Bugeja ta min jeddu fi stqarrija lill-Pulizija 1-ghada tal-incident, fejn iddikjara li fil-hin tal-incident, hu dehrlu li xi hadd kien attakkah b' gebla fuq il-windscreen, ippanikja u taht xokk baqa' sejjer lejn id-dar, b'dan li meta rrizultalu mill-ahbarijiet tal-ghada filghodu li fl-incident kienet involuta persuna, huwa minn jeddu mar jaghmel rapport lill-pulizija

dwar ic- cirkustanzi tal-kaz (Rapport hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B).

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalsiasi kaz, l-incident stradali in kwistjoni sehh ghal ragunijiet mhux imputabbli lill-konvenut Bugeja.

8. Illi m'hemmx danni ×'jigu likwidati fil-konfront tal-esponenti, u fi kwalsiasi kaz, id-danni reklamati mir-rikorrent ghandhom f'kull kaz ghandhom jigu ppruvati billi titressaq prova cara tal-allegati danni li sofra r-rikorrent, liema prova sa llum ir-rikorrent naqas milli jaghmel minkejja talba minghajr pregudizzju da parti tas-socjeta' assikuratrici lir-rikorrent sabiex jaghti prova tad-danni allegatament subiti.

9. Illi l-ebda imghax ma huwa dovut fuq ammont da liquidarsi.

5. B'sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet kollha tal-attur, iddikjarat lil Clayton Bugeja responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar l-24 ta' Awwissu 2015 fi Triq it-Tiġrija Rabat Malta li b'konsegwenza tal-istess, l-attur sofra debilità permanenti; illi s-soċjetà konvenuta hija responsabbli *in solidum* mal-konvenut għad-danni sofferti mill-Attur; illikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €73,667; ikkundannat lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv; spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

6. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza u appella minnha b'dawn l-aggravji dwar il-likwidazzjoni tad-danni:

7. Isostni li l-Ewwel Qorti żbaljat meta:

(1) Eskludiet telf ta' dħul u danni oħra (damnum emergens).

(2) Stabbiliet il-qligħ abbażi tas-salarju nett (lucrum cessans) u ma qisitx iż-żieda tal-pagi tul iż-żmien.

(3) Stabbiliet il-*weighted average* ta' 24%.

(4) Għamlet *lump sum deduction* ta' 16%.

8. U bħala konsegwenza ta' dawn l-iżbalji:

(5) Illikwidatlu ammont ta' danni inqas milli mistħoqq.

9. Il-konvenuti appellaw inċidentalment. Id-doljanzi tagħhom huma li l-Ewwel Qorti:

(1) Għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta sabet lil Clayton Bugeja unikament responsabbli u skartat il-possibilità li Lee Tanti jaħti fi grad ta' kontributorjetà jekk mhux għal kollox.

(2) Żbaljat meta użat *multiplier* ta' 38.

(3) Żbaljat meta aċċettat il-perċentwali ta' diżabilità konstatati minn Mr Kenneth Muscat u Dr Josianne Aquilina u fid-determinazzjoni tal-*weighted average*.

(4) Żbaljat meta xeħtet l-ispejjeż kollha fuq il-konvenuti.

**L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali**

10. Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, li jattakka l-apprezzament tal-fatti u s-sejbin tar-

responsabilità dwar l-inċident li għamlet l-Ewwel Qorti, li rraġunat hekk f'dan ir-rigward:

**Punti ta' fatti**

1. Permezz ta' din il-Kawża l-Attur qiegħed ifittex għad-danni li sofra fuq il-persuna tiegħu meta, fl-24 ta' Awwissu 2015, ġie mtajjar mill-vettura tat-tip Fiat Punto sewda bin-numru ta' reġistrazzjoni CBZ331, li kienet qed tinstaq mill-Konvenut Clayton Bugeja. Fil-mument tal-inċident din il-vettura kienet assigurata mas-Soċjetá konvenuta taħt Third Party Fire and Theft u kienet reġistrata f'isem l-istess Clayton Bugeja sa mis-sena 2013 (ara polza a' fol 170 u dokumentazzjoni maħruġa mill-Awtoritá tat-Trasport a' fol 174).

2. L-Attur twieled fl-1 ta' Diċembru 1993 (ara ċertifikat tat-twelid a' fol 642). Għalhekk dak in-nhar ta' l-inċident huwa kellu 21 sena.

3. Il-fatti li joħorġu mill-atti juru li l-inċident seħħ għall-ħabta tat-3 ta' filgħodu fit-Triq it-Tiġrija, Rabat (ara rapport tal-Pulizija a' fol 94). Din it-triq tinsab bejn ir-Rabat u s-Siġġiewi u fil-parti l-kbira tagħha għandha biss karreġġata f'kull direzzjoni (ara relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina a' fol 211). Dak inhar tal-inċident, it-triq kienet xotta iżda bla bankina u nieqsa minn kull tip ta' dawl (ara rapport tal-pulizija a' fol 97, relazzjoni ta' Dr. Mario Buttigieg u xhieda tal-istess Dr. Mario Buttigieg a' fol 450, 855 u 868, relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina u xhieda tal-istess Perit Richard Aquilina a' fol 214 u 744).

4. L-inċident seħħ wara li kemm l-Attur, akkumpanjat mit-tfajla tiegħu Leanne Gauci, kif ukoll il-konvenut kienu għadhom kif attendew party li kien ġie organizzat fi stabbiliment bl-isem ta' Gianpula. L-Attur u t-tfajla tiegħu ntlaqtu minn wara waqt li huma kienu qed jimxu fin-naħa tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni li tgħati għar-Rabat. Huma ġew hekk milquta mill-parti ta' quddiem, in-naħa tax-xellug, jiġifieri tal-passiġġier, tal-vettura li l-konvenut kien qed isuq fl-istess direzzjoni (ara relazzjoni tas-Scene of the Crime Officer PS 422 Neil Godwin Caruana a' fol 106 u ritratti hemm mehmuża, relazzjoni Perit Richard Aquilina a' fol 215, relazzjoni Dr. Mario Buttigieg a' fol 450).

5. Ġie kostatat li bejn l-istabbiliment Gianpula u l-post fejn seħħ l-inċident kien hemm distanza ta' 1080 metru. Ġie kostatat ukoll li l-parti tat- triq fejn seħħ l-inċident hija mdawra b'ħajt tas-sejjiegħ li kellu ħofra fejn jaqa' l-ilma tat-triq u jmiss miegħu kien hemm arblu tal-ħadid. It-triq fejn seħħ l-inċident, għalkemm dritta, tidjiq għal wisa' ta' 'ħames metri u ftit' minn mal-ħajt imsemmi, b'mod li 'żewġ karozzi jgħaddu b'attenzjoni', u għal wisa' ta' ċirka 5 metri minn ma' l-arblu in kwistjoni (xhieda Perit Richard Aquilina a' fol 746 u 747; ara wkoll rapport pulizija a' fol 94, ritratti preżentati mar-relazzjoni tas-Scene of the Crime Officers PC 1331 Darren Debattista u PC 813 Clinton Vella a' fol 137, relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina a' fol 213 kif ukoll l-iskizz u l-pjanta

hemm annessi xhieda tal-istess Perit Richard Aquilina a' fol 744 et seq u l-pjanta preżentata minnu a' fol 752).

6. Wara l-inċident il-konvenut baqa' sejjer iżda wara mar jirraporta l-għassa taż-Żurrieq, ir-raħal fejn joqgħod, dakinhar stess ta' l-inċident, f'xi ħin filgħodu (ara stqarrija a' fol 575). Minn hemmhekk intbagħat il-Mosta fejn sarlu il-breathalyser test f'nofsinhar u ħdax il-minuta. It-test immarka li l-konvenut ma kellu ebda alkoħol fin-nifs (ara l-breathalyser test a' fol 573 u xhieda Spettur Robert Azzopardi a' fol 880).

7. Min-naħa tagħhom l-Attur u t-tfajla tiegħu Leanne Gauci ittieħdu l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza. Hemm l-Attur ġie iċċertifikat minn Dr. Pierre Agius Med. Reg. 3727 li kien qed ibati minn ġrieħi ta' natura gravi (ara ċertifikat a' fol 356) filwaqt li t-tfajla tiegħu ġiet ċertifikata li qed tbati minn ġrieħi ta' natura ħafifa (ara fol 542). Huwa ġie miżmum ħames t'ijiem l- Isptar sakemm ġie rilaxxat fid-29 ta' Awwissu 2015 (ara case summary report a' fol 275 u xhieda tal-Konsulent li rah Mr. Antoine Zrinzo a' fol 311; ara wkoll rapport tal-Pulizija a' fol 98).

8. Fuq dan l-inċident infetħet inkjesta maġisterjali fejn ġew maħtura Dr. Mario Buttiġieġ bħala espert tekniku, Dr Mario Scerri bħala espert forensiku, Perit Richard Aquilina bħala perit biex iħejji pjanta tal-post, Dr. Marisa Cassar bħala espert seroloġista u PC813, PC 1331 u PS 422 bħala Scene of Crime Officers (ara Procès-Verbal a' fol 363).

9. Il-Pulizija ressqet proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tal-konvenut. Ġie akkużat li, inter alia, ikkaġuna b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila, ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Attur Lee Tanti bi ksur tal-artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kap. 9 u li kien qed isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluż bi ksur tal-artikolu 15(1)(2)(3) tal-Kap. 65 (ara akkuża a' fol 349).

10. Permezz ta' Sentenza datata 11 ta' Diċembru 2018 il-Qorti tal-Maġistrati inter alia sabet lill-konvenut ħati li kkaġuna ferita gravi fuq il-persuna tal-Attur filwaqt li lliberatu mill-akkuża li kien qed isuq b'manjiera traskurata (ara sentenza a' fol 611). Dan fuq ir-raġuni li "ma jistax jiġi ritenut illi l-imputat saq b'xi negliġenza jew traskuraġni għaliex minn imkien ma ġie ppruvat illi l-imputat kien qed isuq aktar mill-veloċitá permessa għal dik it- triq u l-anqas li kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb jew droga." (ara fol 622).

-omissis-

**Konsiderazzjonijiet**

**21.** Huma tnejn ix-xhieda okulari li ġew prodotti mill-Attur fuq dan l-inċident. Dawn huma Francesco Scerri Harkins li kien qed isuq il-vettura wara dik tal-konvenut, u Marlon Caruana li kien passiġġier fl-istess vettura misjuqa mill-imsemmi Francesco Scerri Harkins.

**22.** Fid-depożizzjoni tagħhom, kemm quddiem din il-Qorti (ara fol 72 u 79, 763 u 791) kif ukoll quddiem l-espert inkwirenti (ara fol 478, 479 a tergo u 459) u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (fol 518 u 525), dawn konsistentement xehedu li l-kawża mmedjata tal-inċident kienet il-manuvra tal-vettura misjuqa mill-konvenut li "*f'daqqa u l-ħin ġibdet lejn in-naħa tax- xellug*", "*qabdet u kisret fuq in-naħa tax-xellug*...*kien kważi ħabat mal-ħajt tas-sejjieħ fejn reġa ġibed il-barra u baqa' sejjer l'hemm*" (ara fol 459 u 460). Il-konvenut jikkontesta din ix-xhieda billi jinsisti li "*l-istering tiegħi qatt ma ġibed u kont dejjem għaddej dritt.*" (ara xhieda quddiem l-espert inkwirenti a' fol 463).

**23.** Meta madankollu titqabbel il-konsistenza tal-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda okulari mal-kontradizzjonijiet li jirriżultaw fix-xhieda tal-konvenut, il-Qorti tqis li għandha tgħati affidament lill-verżjoni kif konsistentement mogħtija miż-żewġ xhieda okulari Francesco Scerri Harkins u Marlon Caruana. Il-verżjoni li jagħtu hija ukoll konsistenti man- narrativa li taw lill-Pulizija ai fini ta' rapport (a' fol 46).

**24.** Aktar minn hekk, il-konvenut jgħid li bl-inċident inkisirlu l-wind-screen tan-naħa tal-passiġġier, propju fuq in-naħa minn fejn kien għaddej l-Attur. Il-Qorti hija konsapevoli li l-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-konvenut minn sewqan b'veloċita' eċċessiva. Bid-dovut rispett lejn dik il-Qorti, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni differenti li meta jitkisser wind-screen dan huwa indikattiv ta' ċertu veloċita'. Indikazzjoni oħra ta' veloċita' huwa l-fatt li mad- daqqa l-Attur għola sular (ara xhieda ta' Marion Caruana a' fol 80). Ma ġie imkien ipprovat li x-xhieda okulari kellhom xi interess li jixhdu bil-mod li xehdu. La kienu jiġu mill-Attur u l-anqas ħbieb personali tiegħu għalkemm jidher li peress li kienu mir-Rabat kienu jafu lill-partijiet "by sight" (a' fol 76).

**25.** Il-konvenut fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti jgħid li "*rari rari tara lil xi ħadd miexi*" fit-triq fejn seħħ l-inċident (ara xhieda fol 824 a tergo). Fil- verżjoni mogħtija quddiem l-espert inkwirenti l-istess konvenut iżda jgħid mod ieħor li "*Kien hemm drabi fejn rajt xi nies qed jimxu f'dawk l- akkwati.*"(xhieda quddiem espert inkwirenti a' fol 463). Meta mistoqsi minn din il-Qorti jekk kienx hemm karozzi ġejjin min-naħa l-oħra, il-konvenut l- ewwel jgħid li "*kien hemm xi ħaġa*" (xhieda 829 a tergo) iżda imbagħad, meta mistoqsi mil-legali tal-Attur, huwa wieġeb li ma jiftakarx kienux għaddejjin karozzi min-naħa l-oħra tat-triq (xhieda fol 829 a tergo). Minn din ix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li kien jaf li seta' jiltaqa' ma' pedestrians f'din it-triq. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax ukoll, li fl-istqarrija li rrilaxxja lill- Pulizija anke jagħti x'jifhem li lanqas intebaħ li kien laqat lil xi ħadd. Daħallu suspett li seta' kien hu, meta sema' bl-inċident fl-aħbarijiet. Daqstant kien moħħu hemm meta seħħ l-inċident (a fol 17).

**26.** Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi, l-Qorti hija konvinta li l-verżjoni tal- konvenut, li kien dejjem qed isuq dritt m'hijiex waħda verosimili iżda u li bix- xhieda tiegħu għamel tentattiv biex jiskolpa ruħu mill-ħtija tal-inċident. Il- Qorti temmen li, kieku tassew baqa' sejjer dritt skont kif

xehed hu stess, dan l-inċident ma kienx iseħħ. Il-fatt li kien l-Attur, l-iktar wieħed viċin il- ħajt, li safa midrub gravi, jwassal għal konklużjoni waħda: ġie milqut għaliex il-konvenut iddeċieda jiġbed lejn ix-xellug hekk kif dejjem sostnew l-istess xhieda okulari.

**27.** Kien għaldaqstant il-konvenut l-awtur tal-ħsara skont il-prinċipju kardinali stabbilit fl-artikolu 1031 tal-Kap. 16. Huwa għalhekk l-konvenut li jrid jerfa' r-responsabbiltá għal dak li ġarrab l-Attur.

**28.** Il-Qorti issa għandha tiddetermina jekk il-konvenut għandux jinstab unikament responsabbli tal-inċident jew kienx hemm xi kontributorjetá min- naħa tal-attur ai termini tal-artikolu 1051 tal-Kap. 16. Dan għaliex, kif ġie ritenut, "*m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda ssuq taht l-effett ta' kwantita` sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza.*" (**Alan Busuttil et vs Raymond Farrugia**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 2011**).

**29.** Il-konvenut jissottometti li l-Attur ikkontribwixxa għall-inċident billi ma libisx tagħmir fluworexxenti u/jew li ma żammx torċ u/jew li kien miexi b'daharu lejn it-traffiku (ara nota para 3.2.1 sa 3.2.7 a' fol 863 sa 865). F'dan ir-rigward l-Attur u t-tfajla tiegħu pruvaw jagħtu stampa tagħhom infushom bħala pedestrians li aġixxew in regola u ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku. Dan billi ħadu l-prekawzjonijiet rikjesti minnhom taħt it-tieni parti tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-triq (ara affidavit Rikorrenti a' fol 37 u affidavit Leanne Grace Gauci a' fol 709).

**30.** Il-verżjoni tal-Attur iżda ma hiex konsistenti ma' dik mogħtija minnu *a tempo vergine* quddiem l-espert inkwerenti. Hemmhekk ad eżempju xehed li waqt il-party f'Gianpula huwa xorob il-vodka, mentri fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, huwa jgħid li xorob biss birra għax il-vodka ma jħobbhiex (ara rapport a' fol 458 u 464, affidavit tar-Rikorrenti a' fol 37 para 3 u xhieda Rikorrenti a' fol 914 a tergo et seq). Ukoll, fl-ebda verżjoni rilaxxata minnu ma ġie indikat li huwa kien qed juri xi forma ta' dawl waqt li kien miexi fit-triq fejn seħħ l-inċident, ħlief meta mistoqsi direttament in kontro eżami u wara li kien, kontradittorjament, diġa kkonferma li torċ ma kellux (ara xhieda a' fol 919 u 924 et seq).

**31.** Fl-isfond ta' dawn l-inkonsistenzi, il-Qorti tqis li għandha temmen il-verżjoni tax-xhieda okulari fejn sostnew li l-Attur u t-tfajla tiegħu kienu fil-fatt mexjin ma' ġenb xulxin, preċiżament l-Attur viċin il-ħajt u t-tfajla tiegħu iktar f'nofs ta' triq, u li pero' ma kienux qed juru il-presenza tagħhom b'xi xorta ta' dawl (ara xhieda Marlon Caruana a' fol 769, 780, 787 u 789, xhieda Francesco Scerri Harkins a' fol 801). B'dana kollu ma jistax jingħad li minħabba t'hekk huma ikkontribwew jew taw okkażżjoni għall-inċident anke jekk regolament 36 tal-Highway Code jiddisponi li "*At night wear something reflective to make it easier for others to see you*". Dan għaliex l-inċident ġara minħabba l-manuvra

insolita tal-Konvenut meta ġibed il- ġewwa, konsapevoli li seta' kien hemm in-nies, u lanqas ma jirrisulta li l- Attur għamel xi mossa mhux flokha li seta' ħasad lill-Attur.

**32.** Di fatti ġie stabbilit li "*pedestrian jitqies li huwa responsabbli ghall-incident in toto jew in parte mhux jekk jirrizulta biss li intlaqat waqt li kien fit-triq, izda jekk jirrizulta wkoll li holoq emergenza subitaneja b'mod li sewwieq li jkun qed isuq b'mod regolari ma kienx f'posizzjoni li jirregola ruhu ghall-perikolu li holoq il-pedestrian.*" (**Maria Concetta Mifsud vs Jean Paul Micallef, Qorti Ċivili Prim' Awla, 16 ta' Marzu 2022; ara wkoll Il- Pulizija vs Dorianne Camilleri, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Frar 2018; Il-Pulizija vs Joseph Formosa, Qorti tal-Appell Kriminali, Vol. XLIII.iv.1023)**.

**33.** F'Sentenzi oħra ġew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitaneja tavvera ruħha, e.g. "*meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" (**Appell Kriminali Il-Pulizija v. Joseph Thornton, Vol. XLV.iv.920**) jew meta "*pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall- gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza*" (**Appell Kriminali Il-Pulizija v. Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain**, **Vol. XLVI.iv.765**).

**34.** Huwa evidenti li bl-imprudenza tal-Attur, kif isostni l-konvenut, ma ġiet kreata ebda emerġenza subitaneja imprevedibbli b'mod li rrendiet impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva min-naħa tal-istess konvenut. Il-Qorti tfakkar li anke jekk l-Attur ma kellu ebda indikazzjoni ta' dawl, il-vettura ċertament kellha. Il-*headlamps* ta' vettura bil-bright għalhekk qegħdin. L-inċident anzi seħħ konsegwenza ta' nuqqas ta' għaqal u diliġenza minn naħa tal-istess konvenut fil-manuvra inaspettata li huwa għamel lejn ix-xellug. Li kieku l- konvenut żamm *a proper lookout* qabel ma għamel din il-manuvra, l-inċident ma kienx iseħħ.

**35.** Kif ġia drabi oħra rilevat minn din il-Qorti, id-dlam ma hux xi forma ta' skużanti, iżda pjuttost ċirkostanza li tgħabbi lis-sewwieq bl-obbligu li jieħu l-massimu ta' prekawżjonijiet biex jevita ostakoli inaspettati li jaf iġib miegħu d-dlam li n-nhar ma jġibx. Kif ġie tajjeb ritenut, is-sewwieqa għandhom "*obbligu doppju li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom.*" (**Joseph Falzon pro et noe vs Emanuel Schembri et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 30 ta' Ġunju 2020**) (sottolinear ta' din il-Qorti).

**36.** Il-Qorti temmen li bil-veloċitá li kien għaddej biha l-konvenut, għalkemm mhux eċċessiva, huwa poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma setax jinduna bl-Attur qabel ma ddeċieda jimmanuvra lejn ix-xellug. Dan wassal sabiex jiġi kaġonat is-sinistru li kkawża d-debilita' permanenti fuq il- persuna tal-Attur. Huwa għaldaqstant għandu jġarrab ir-responsabbilita` tad-danni kawżati b'dan l-inċident.

Ikkunsidrat:

11. In sostenn tal-aggravju dwar ir-responsabilità għall-inċident, l-appellanti jibdew billi jattakkaw **il-kredibilità tax-xhieda okulari** u jikkritikaw lill-Ewwel Qorti talli straħet fuq ir-rakkont tagħhom dwar id-dinamika tal-inċident. Isostnu li mhux veru ma kinux jafu lill-vittma mill-qrib kif xehdu u kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Li kienu difensivi dwar kemm kienu xorbu qabel l-inċident. U li għalhekk l-Ewwel Qorti ma messhiex sabet li dawn ix-xhieda kienu konsistenti filwaqt li Clayton Bugeja ma kienx. Bugeja kien konsistenti billi jisħaq li qatt ma dawwar l-istering. Għalhekk ma kellhiex tistrieħ fuq ix-xhieda tagħhom li Clayton Bugeja ġibed lejn ix-xellug qabel ma tajjar lill-attur u t-tfajla tiegħu, imma kellha tistrieh fuqu li din il-manuvra m'għamilhiex.

12. Din il-Qorti tibda biex tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti, il-konvenuti ma jattakkawx il-kredibilità tax-xhieda okulari, kif qegħdin jagħmlu f'dan l-istadju tal-proċeduri. Tinnota li l-Ewwel Qorti meta rrimarkat li x-xhieda okulari kienu konsistenti, qalet dan b'riferenza għar-rakkont tagħhom dwar id-dinamika tal-inċident inkluża l-manuvra ta' Clayton Bugeja meta huwa u għaddej għan-nofs tat-triq dawwar il-karozza f'daqqa lejn ix-xellug tat-triq fejn kien miexi l-attur; manuvra li kienet il-kawża immedjata tal-inċident. Rakkont li kif sewwa sabet l-Ewwel Qorti, rrepetew b'mod konsistenti quddiem l-

espert inkwirenti, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u quddiem l-Ewwel Qorti. Dan kien il-punt fokali tax-xhieda tagħhom u li l-Qorti kkunsidrat bħala fededenju. Min-naħa l-oħra, l-Ewwel Qorti xejn ma emmnet id-depożizzjoni ta' Clayton Bugeja fis-sens li ħaseb li xi ħadd garalu ġebla, u li ma ndunax li tajjar lill-attur u t-tfajla tiegħu, u l-mod kif intebaħ, wara li mar id-dar u raqad, li kien tajjar lil xi ħadd. Wara kollox, lanqas il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma emmnitu. F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti poġġiet il-verżjonijiet rispettivi fil-miżien u waslet għall-konklużjoni tagħha li għad li kien konsistenti fl-istqarrija tiegħu li ma dawwarx l-istering, m'emmnitux lanqas f'dan ir-rigward: *falsus in unus, falsus in omnibus.* Eżerċizzju li għamlet wara li kellha l-okkażjoni li tisma' lix-xhieda jiddeponu quddiemha *viva voce*.

13. Mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti ta' reviżjoni li tidduplika r-rwol tal-imħallef sedenti fl-Ewwel Qorti, li wara kollox huwa fl-aħjar qagħda li jiddetermina x'inhuma l-fatti f'każ ta' kontestazzjoni dwarhom. Speċjalment meta l-fatti jiġu stabbiliti minn xhieda okulari li jixhdu quddiemu *viva voce*. Xogħlha hu li taċċerta l-korrettezza tal-eżerċizzju tal-ġudizzju. Hija prassi stabbilita minn din il-Qorti ta' reviżjoni li biex tindaħal fl-evalwazzjoni tal-fatti magħmula minn tribunal tal-ewwel istanza, irid jirriżultalha li l-ġudikant ikun żbalja billi pereżempju injora fatti rilevanti, partikolarment jekk ikun ta' każ ta' fatti mressqin minn parti u njora fatti mressqin minn parti opposta, jew qies fatti li ma jirriżultawx fil-proċess. Fejn imħallef tal-ewwel istanza jkun wiżen żewġ verżjonijiet

differenti, u emmen waħda minnhom, saħansitra l-anqas huwa biżżejjed li l-Qorti ta' reviżjoni tqis li hi kienet tasal għal konklużjoni differenti minn tiegħu (li din il-Qorti tagħmilha ċara li mhux il-każ hawnhekk). Biex tindaħal, trid tkun konvinta li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti tkun waħda li tiskonfina mil-limiti tar-raġuni.

14. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin fl-eżerċizzju tal-għażla tal-verżjoni tad-dinamika tal-inċident kif rakkontata mix-xhieda okulari u l-iskartar ta' dik imressqa mill-appellant.

15. Fit-tieni lok, l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kellha tixħet it-tort, jew almenu parti mit-tort, tal-inċident fuq Lee Tanti. Dan għaliex, kif sabet l-Ewwel Qorti stess, hu u t-tfajla tiegħu għażlu li jimxu b'darhom lejn it-traffiku fi triq mudlama, maġemb xulxin minflok wara xulxin, wara li xorbu l-vodka, f'punt fejn it-triq tidjieq u kien hemm arblu fil-ġenb li bilfors kellhom jersqu 'l barra minnu, b'mod li jostakolaw il-karreġġjata ntiża għat-traffiku. Skonthom, hu irrilevanti jekk Clayton Bartolo kisirx lejn ix-xellug jew le.

16. L-Ewwel Qorti ma njoratx dawn il-fatti. Ikkunsidrathom u kkonkludiet li l-attur m'għamel l-ebda moviment li ssorprenda lis-sewwieq; ma ħoloqlu l-ebda emerġenza subitaneja. Qalet li Clayton Bartolo kellu jarahom li kieku żamm *a proper lookout*; kellu jżomm il-karozza taħt il-kontroll sħiħ tiegħu.

17. Din il-Qorti ma ssib xejn żbaljat f'dan ir-raġunament.

18. Fit-tielet lok, l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti għamlet żewġ osservazzjonijiet skorretti:

(i) Skartat il-konklużjonijiet tal-perit tekniku Mario Buttigieg li ma kienx qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva.

19. Tassew li l-Ewwel Qorti għaddiet kumment bħal dan f'parti mis-sentenza. Iżda f'parti oħra (para. 36) il-Qorti qalet li għalkemm mhux eċċessiva, l-veloċità kienet tali li Clayton Bartolo poġġa ruħu f'sitwazzjoni fejn ma setax jinduna bl-attur. Effettivament dan hu konformi ma' dak li kkonstata l-istess perit tekniku, fis-sens li l-veloċità għalkemm fil-limiti regolamentari, kienet eċċessiva tenut kont it-topografija tat-triq u ċ-ċirkostanzi l-oħrajn; kif ukoll ma' dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Maġistrati li billi Buġeja kien xorob, anke jekk ma kienx fis-sakra, il-konċentrazzjoni tiegħu kienet ridotta u dan kien jesiġi sewqan iktar bil-galbu.

20. (ii) L-ewwel Qorti kkunsidrat ħażin li Bugeja kien inkonsistenti billi l-ewwel qal li rari tara lil xi ħadd miexi f'dik it-triq, u mbagħad qal li xi drabi ra n-nies mexjin.

21. Li hu mportanti mhux jekk l-Ewwel Qorti għamlitx sewwa li sabet kontradizzjoni f'dan id-diskors, imma li "minn din ix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li kien jaf li seta' jiltaqa' ma' *pedestrians* f'din it-triq". Speċjalment waqt li n-nies kienu ħierġin – bħalu, bħax-xhieda okulari, bħall-attur u bħat-tfajla tiegħu – min-*nightclub* ta' Gianpula.

22. B'żieda mal-kunsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti, Din il-Qorti tqis li l-attur u t-tfajla tiegħu kienu mixjin max-xellug tat-triq *in plain view* u minkejja dan il-konvenut ma rahomx. Huwa tajjarhom meta dawwar l-istering f'daqqa lejn ix-xellug. Ebda spjegazzjoni ma ngħatat għal din il-manuvra. Għalkemm it-triq tidjieq ftit f'dak il-punt, xorta kien hemm wisa' biżżejjed biex jgħaddu żewġ karozzi u għalhekk seta' faċilment seta' kiser lejn il-lemin minflok lejn ix-xellug u għadda minn fuq in-naħa tal-lemin tal-*pedestrians.* M'hemmx dubju li Clayton Bugeja ma kellux kontroll sħiħ fuq il-vettura tiegħu, u li naqas li jara dak li kien pjenament viżibbli quddiemu fit-triq. Dawn il-fatturi kienu l-kawża tal-inċident irrispettivament mill-manuvra abrupta tiegħu lejn ix-xellug tat-triq.

23. Dan l-aggravju mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ.

**L-ewwel aggravju tal-attur**

24. **L-ewwel aggravju tal-appell prinċipali** huwa li l-Ewwel Qorti eskludiet telf ta' dħul u danni oħra (*damnum emergens*). Biex l-aggravju jinftiehem aħjar, sejra ssemmi ħaġa ħaġa li l-Qorti ma tatx kumpens għaliha:

€12,000 f'telf ta' sena xogħol meta huwa kien barra mix-xogħol fuq *unpaid leave* minħabba l-inċident.

25. L-appellant isostni li:

(1) Meta seħħ l-inċident kien jaħdem bħala *delivery man* ma' Guido Vella Cash and Carry kif ukoll partajm bħala *kitchen assistant* fir-restorant Wenzhou li huwa tal-ġenituri tiegħu. Kawża tal-inċident waqaf minnufih mix-xogħol tar-restorant. Dwar l-impjieg l-ieħor, uża' s-*sick leave* u mbagħad ħa l-*unpaid leave* għal sena. Wara sab xogħol bħala *tattoo artist*. Ikkunsidrata l-entità tal-inċident, huwa verosomili li dam sena f'qagħda li ma jaħdimx.

(2) Mhux minnu li dan it-tip ta' telf ma jiġix ikkalkulat għall-finijiet ta' *damnum emergens*, li huwa telf effettiv skont Art. 1045 tal-Kap. 16.

(3) Mhux minnu li kieku kkalkulat dan it-telf wara li kkalkulatu taħt *lucrum cessans*, il-Qorti kienet sejra tikkumpensah doppjament.

(4) Mhux minnu li l-appellant ma ġabx prova ta' kif wasal għal dan l-ammont. Il-Qorti setgħet ikkalkulat l-ammont abbażi tal-paga li kellu fis-sena qabel l-inċident.

(5) Mhux minnu li dam sena bis-*sick leave*. M'hemm l-ebda prova dwar x'seta' daħħal bħala benefiċċju soċjali.

26. Dwar din it-talba għal €12,000, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Il-Qorti tqis li dan id-dħul m'għandux jidħol fil-likwidazzjoni tad-danni attwali mġarrba mill-Attur. Dan għal diverżi raġunijiet. Primarjament, dan il-perjodu se jkun kopert fl-ammont ta' ħlas dovut l-Attur bħala danni lucrum cessans hawn aktar l-isfel likwidat. Isegwi li, jekk jidhol fil-kalkolu tad-danni attwali, l-Attur se jkun qed jitħallas doppju. Inoltre u kif sewwa rilevat mill- konvenut, l-Attur ma ta ebda spjegazzjoni kif wasal għal dan l-ammont (ara nota konvenut a' fol 876 para a). Lanqas prova li fil-fatt dam sena bis-sick ma ġie preżentata fl-atti. Barra minn hekk, jirriżulta mix-xhieda tal-Attur li, sakemm ġie terminat mix-xogħol fuq rikjesta tiegħu stess, huwa pperċepixxa mingħand il-Gvern xi forma ta' benefiċċju soċjali, x'aktarx injury leave u/jew benefiċċju għal korriment (ara xhieda Attur a' fol 735 u 736, xhieda Kristin Abela a' fol 735)."

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ukoll jekk diġà mġarrba, telf ta' dħul ma jikklassifikax taħt *damnum emergens*. Din il-Qorti, diversament komposta, kellha okkażjoni tirrimarka hekk:

> "27. Il-qorti tibda billi tagħmel preċiżazzjoni terminoloġika biex ma jkun hemm ebda ekwivoku dwar tifsir tal-kliem. L-ewwel qorti, u bħalha l-

> partijiet ukoll, jidher illi fehmu t-terminu *damnum emergens* bħala danni ġà mġarrba u *lucrum cessans* bħala danni fil-ġejjieni. Għalhekk il-qorti qieset it-telf ta' dħul sa dakinhar tas-sentenza… bħala *damnum emergens*. Dan ma huwiex korrett. *Damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.[1]"

28. L-attur ma ġab l-ebda prova dwar l-*unpaid leave* u lanqas dwar kemm dam fuq *sick leave*, u jekk ħax *paid leave*. Lanqas esebixxa *payslips* tal-impjieg ewlieni tiegħu. Spiċċa minn dan l-impjieg inqas minn 8 xhur wara, u mhux sena wara, kif isostni l-attur. Għalhekk sewwa għamlet l-ewwel Qorti meta qieset dan it-tip ta' dannu taħt *lucrum cessans*, u m'akkordatx is-somma ta' €12,000.

<u>€4,000 *hearing aid* skont stima a fol 60.</u>

29. L-appellant jilmenta li l-*hearing aid* ma akkwistahiex għaliex ma kienx jiflaħ għall-ispiża iżda xorta għandu bżonnha kif ikkonstata l-espert mediku. Skontu, l-istima li ġab hija prova ta' kemm tiswa. Jgħid li l-Qorti semmiet sussidji li jagħti l-Gvern f'dan il-qasam iżda din ipotesi li la ġiet allegata mill-kontroparti u lanqas ippruvata.

30. Il-Qorti qalet hekk:

> "Anke fir-rigward ta' dan l-ammont, il-Qorti ma tistax tqies li dawn tassew intefqu. Id-dokument esebit jagħmilha ċara li huwa Quotation

[1] Raymond Sammut v. Anthony Micallef 24.04.2015 Qorti tal-Appell iċċitata f'Trevor Grech v. Lawrence Sammut 15.06.2023 Qorti tal-Appell.

> Only. Ladarba l-hearing aid ma ġietx effettivament akkwistata mill-Attur, dawn l- ispejjeż ma ġewx minnu inkorsi u għaldaqstant ma jistgħux jiġu inklużi fl- ammont ta' danni attwali minnu subiti A' fol 60). Dan id-dokument ġie esebit fil-bidu tal-Kawża li ilha pendenti sitt snin. Kieku din inxtrat f'dan iż- żmien kollu żgur li kienet tkun esebita xi xorta ta' riċevuta tal-ħlas. Il-Qorti m'għandha l-ebda garanzija li l-hearing aid sejra tiġi effettivament akkwistata mill-Attur u bil-prezz hemm indikat. Dan speċjalment fid-dawl ta' skemi ta' sussidji li l-gvern joffri f'dan il-qasam. Il-Qorti sejra għaldaqstant teskludi dan l-ammont mill-kalkolu ta' danni attwali intitolati mill-Attur."

31. Għalkemm sewwa osservat l-Ewwel Qorti li ma ġiet ippreżentata l-ebda prova li l-*hearing aid* fil-fatt inxtrat, ix-xiri tagħha sar meħtieġ kawża tad-debilità li l-attur sofra fis-smigħ kawża tal-inċident. Din hija spiża kkawżata bl-inċident u għalhekk tikkostitwixxi *damnum emergens* irrispettivament jekk l-attur xtrahix diġà jew jekk għadx irid jixtriha. Il-Qorti tqis li l-valur tiegħu huwa ta' €4,000.

<u>€442.38 Spejjeż mediċi, spiżeriji u konsulti li l-Attur inkorra l-Isptar St James skont id-dokumenti esebiti a fol 62 *et seq* tal-proċess.</u>

32. L-Ewwel Qorti ċaħdet kumpens għal dawn l-ispejjeż billi:

> L-atti mmarkati juru żewġ irċevuti maħruġa mill-ispiżerija Ideal pharmacy fl- ammont ta' €36.64c u €19.74c (a'fol 62 u 63). Ma hemm madanakollu l- ebda prova li l-ispejjeż hemm inkorsi huma għal mediċini li l-Attur kellu jieħu minħabba l-inċident in kwistjoni. L-istess jingħad għall-irċevuti sottomessi a' fol 64A u B mill-Isptar St. James Capua.
>
> Il-Qorti tfakkar li jinkombi fuq l-Attur li jagħti prova li d-danni minnu subiti huma konsegwenza diretta tal-inċident, dan speċjalment meta jirriżulta mill- atti, li l-Attur ibati minn kundizzjonijiet oħra li ma għandhom l-ebda relevanza mal-inċident in kwistjoni (ara file mediku a' fol 223B, xhieda Mr. Antoine Zrinzo a' fol 312 u xhieda Odette Pace a' fol 685). Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti ma hiex sejra tinkludi dawn l-irċevuti fil-kalkolu tad- danni attwali subiti mill-Attur. Hija sejra tinkludi biss l-ammonti ta' €60 u €70 indikati fl-irċevuti maħruġa min Dr. Anthony Zrinzo (a' fol 67 u 69). Dan billi jirriżulta li Dr. Zrinzo kien fil-fatt

il-konsulent tal-Attur waqt li kien rikoverat l-Isptar konsegwenza tal-inċident (ara xhieda Mr. Zrinzo a' fol 312).

33. L-Ewwel Qorti għandha raġun. L-attur messu pproduċa prova ta' x'nefaq u għal xiex. Fl-assenza ta' din il-prova, l-Qorti ma tistax tillikwida *arbitrio boni viri*, għaliex tagħmel hekk biss meta jkun diffiċli għall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huwa effettivament ikun sofra, u mhux biex tagħmel tajjeb għat-traskuraġni tal-attur.[2]

<u>€3,500 kors biex jagħmel xogħol ta' *tattoist.*</u>

34. Dwar dan, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "Dan l-ammont ma huwiex telf attwali mġarrab mill-Attur billi ma huwiex konsegwenza diretta tal-inċident. Il-Qorti għaldaqstant ma hiex sejra tikkunsidrah fil-kalkolu ta' danni attwali effettivament subiti mill-Attur. Il-kors inkwistjoni huwa biss opportunita' ta' arrikament tal-Attur f'sengħa.
>
> Dan huwa kors li seta' ittieħed anke kieku ma kienx hemm l-inċident għaliex huwa maħsub li jtejjeb il-posizzjoni tax-xogħol tiegħu bi u mingħajr l-inċident."

35. Din il-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament. Iżżid tgħid li l-ispejjeż ħarġuhom il-ġenituri tal-attur u mhux hu. M'hemm l-ebda prova li qegħdin jitolbuhomlu lura.

<u>€1,000 *panadols* li jkopru l-perjodu ta' sena.</u>

---

[2] Joseph Attard v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa 30.05.2014 Qorti tal-Appell; Av. Noel Camilleri v. Silvio Borg 26.10.2022 Qorti tal-Appell; Trevor Grech v. Lawrence Agius 15.06.2023 Qorti tal-Appell.

36. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Ma hemm l-ebda prova li dawn ġew fil-fatt akkwistati mill-Attur. Għaldaqstant il-Qorti ma hiex sejra tinkludihom fil-kalkolu ta' likwidazzjoni ta' danni attwali."

37. Hawnhekk ukoll din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura, tenut kont li faċilment setgħu - u messhom - ġew esibiti l-irċevuti relattivi.

<u>L-impjieg part time.</u>

38. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkalkulatx id-dħul mill-impjieg partajm tiegħu. Din il-Qorti tqis li l-attur ma ġabx prova konkreta tad-dħul minn dan l-impjieg, li lanqas biss kien iddikjarat skont il-liġi. Dan l-ilment mhuwiex mistħoqq.

39. Dan l-aggravju ma jiswiex.

**It-tieni aggravju tal-attur**

40. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ħadmet il-qligħ fuq is-**salarju *net* u mhux *gross***. L-eżerċizzju li għamlet l-Ewwel Qorti kien dan:

> "45. Kwantu jirrigwarda il-qliegħ, dan ser ikun ikkalkolat skont is-salarju perċepit mill-Attur fis-sena preċedenti għall-inċident, jiġifieri fis-sena 2014. Id-dħul tiegħu skont l-FS3 relattiva għal dik is-sena (a' fol 739) kien dak ta' €9,863 gross. Dan l-ammont jinkludi s-somma ta' €204 bħala taxxa, u €939 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali.

> Għaldaqstant l-ammont nett huwa dak ta' €8,720. Dan ifisser li l-ammont li trid taħdem fuqu din il-Qorti sabiex finalment tasal għad-danni huwa dak ta' tlett mija wieħed u tletin elf tlett mija u sittin ewro (€331,360) (Salarju nett x 38)."

41. Din il-Qorti taqbel mal-appellant li skont il-ġurisprudenza l-iktar riċenti, għandu jittieħed kont tas-salarju *gross*.[3]

42. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti messha ħadet kont ta' **żidiet fil-pagi minħabba l-inflazzjoni** matul il-perjodu tal-*multiplier*. Effettivament l-Ewwel Qorti għolliet is-somma likwidata b'10% għal dan l-iskop. Din il-Qorti tħoss li fuq medda twila ta' 38 sena, huwa iktar verosimili li jkun hemm żieda ta' 20% fis-salarji.

43. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-ilment.

**It-tielet aggravju tal-appell prinċipali u t-tielet aggravju tal-appell inċidentali**

44. L-ewwel Qorti kkonkludiet li hemm persentaġġ ta' diżabilità ta' 24%. Ma tgħidx kif waslet għal dan il-persentaġġ. **L-attur, permezz tat-tielet aggravju tiegħu** jsostni li l-persentaġġ għandu jkun ta' 36% kif

---

[3] Trevor Grech v. Lawrence Agius 15.06.2023 Qorti tal-Appell; *Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et* deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022; Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Ltd. 30.03.2022; *Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited* deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2021; Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt 06.10.2020 Qorti tal-Appell; Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals 27.01.2021; *Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited* deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2021; *George Borg et nomine v. Anthony Borg et* deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2008; *Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et* deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020.

stabbilew l-esperti mediċi. Skont ir-**risposta u t-tielet aggravju tal-appell** inċidentali tal-konvenuti dan għandu jkun ta' 21.5%.

45. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti kien dan:

> "48. Imiss għalhekk li jkun ikkalkulat l-ammont li huwa dovut abbażi tal-permanenza tal-ġrieħi li soffra l-Attur. Din il-Qorti ħatret żewġ esperti mediċi u ċioe' lin-Newrologa Dr. Josanne Aquilina u Mr. Kenneth Muscat sabiex jeżaminaw lill-Attur (ara rapport konġunt a' fol 841). Rispettivament dawn sabu li l-Attur qiegħed isofri minn disabilita' permanenti ta' 10% paraliżi tan-nerve triġeminali tal-lemin u 2% sindrome post-konkussjonali kif ukoll 27% impairment of the whole person from the hearing point of view. Huma kkalkolaw rata ta' debilita' unika bħala weighted average ta' 36%.
>
> 49. Fir-rigward tal-perċentwali ta' diżabilitá, l-konvenut fin-nota tiegħu a' fol 867 sa 873 qed jikkontesta kemm il-perċentwal innifsu raġġunt mill-esperti maħtura minn din il-Qorti Dr. Josanne Aquilina (10% paraliżi tan-nerve triġeminali tal-lemin u 2% sindrome post-konkussjonali) u Mr. Kenneth Muscat (27% impairment of the whole person from the hearing point of view) kif ukoll il-formola minnhom adottata biex jaslu għal weighted average ta' 36% (ara rapport konġunt a' fol 841 u eskussjoni ta' Dr. Josanne Aquilina a' fol 902 u Mr. Kenneth Muscat a' fol 814).
>
> 50. Il-konvenut jinsisti li, kif jirriżulta mill-istess rapport u dikjarat waqt l-eskussjoni tal-istess esperti mediċi, l-perċentwal raġġunt huwa wieħed suġġettiv u kompletament dipendenti fuq dak li qal il-pazjent. Il-konvenut jissottometti li l-Attur kien indubbjament qed jeżaġera sabiex iktar iżid iċ- ċans li jiġi awmentat il-ħlas għad-dannu spettanti lilu. Il-konvenut jissottometti wkoll li l-weighted average minnhom ikkomputat ma huwiex dak reali ta' diżabbilita' kif tassew jaffettwaw il-ħajja lavorattiva tal-Attur.
>
> 51. Dwar dan il-prinċipju l-ġurisprudenza tgħallem illi fejn il-persuna danneġġjata jkollha diversi debilitajiet, huwa normali illi l-Qorti tasal għal weighted average fir-rigward tal-perċentwal ta' diżabilita`. Hawnhekk issir referenza għas-Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl- ismijiet *Joseph Bartolo et -vs- George Zammit*, deċiża fit-30 ta' April, 2001, fejn meta l-Qorti f'każ ta' numru ta' debilitajiet, sabet ma' wiċċha diversi perċentwali ta' debilita' kkummentat hekk:
>
> "Din id-diffikulta' gejja wkoll mill-fatt li *The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion. Per Morris L.J. in Scott v Musial.*"

52. Fis-Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet *M. Caruana -vs- G Camilleri* tal-5 ta' Ottubru 1993, il-Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar dan il-prinċipju għamlet referenza għas-Sentenza *Butler -vs- Heard* fejn intqal li "dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat." Dan il-prinċipju kien adottat ukoll, fis-Sentenza tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet *Brian Micallef -vs- Brian Tyre Services Limited*, fejn f'każ ta' persuna li sofriet minn diversi debilitajiet konsegwenza ta' inċident li ġarrbet, issemmiet il-ħtieġa li tiġi stabbilita *weighted average*:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average*, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average*, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (*Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et,* App. 20.02.2009)."

53. Fl-aħħar nett, f'sentenza aktar reċenti tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawza fl-ismijiet *Silvan Farrugia -vs- Carmelo Gatt et* ingħad hekk fir-rigward:

> "Illi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi jagħmilha ċara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bażi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u għalhekk il-Qorti bilfors trid tallaċja l-komputazzjoni tal-*weighted average* mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapaċita` lavorattiva u l-qliegħ futur tiegħu. Fil-fatt hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-perċentwali ta' diżabilita` li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapaċita` f'sens purament mediku iżda fuq l-effett illi din għandha fuq il-qliegħ tad-dannegġjat."

54. Fid-dawl ta' dan it-tagħlim u tal-fatti li għandha quddiemha, din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni li l-*weighted average* huwa dak ta' erbgħa u għoxrin fil-mija diżabilta' permanenti (24%)."

46. Skont ir-rapport tal-esperti, hemm diżabilità newroloġika ta' 12%, 10% nuqqas ta' sensazzjoni u 2% *syndrome* (post-konkussjonali) u diżabilità ta' telf ta' smigħ ta' 27%. L-attur jilmenta li jekk diżabilità partikolari kienet tammonta għal 27% ma jista' qatt ikun li d-diżabilità

globali tkun inqas minn hekk. Ma nġabet l-ebda prova li l-persentaġġ ta' 36% mhuwiex tajjeb.

47. Il-konvenuti min-naħa tagħhom isostnu li:

(1) l-10% kien skont il-formola addottata minn abbozz ta' liġi. Mil-lat mediku, hemm element soġġettiv għaliex it-test tas-sensazzjoni jiddependi kompletament fuq dak li jgħid il-pazjent waqt it-test. Ma jidhirx li kien hemm ħsara fin-nervaturi tar-riġlejn. Dr Aquilina, *in vista* ta' dan, in kontroeżami ħasset li kellha takkorda 8% diżabilità.

48. Din il-Qorti taqbel li d-diżabilità ta' 10% għandha titnaqqas għal 8%.

(2) In-nuqqas ta' smigħ seta' jiġi ndirizzat permezz ta' *hearing aid* u allura d-debilità mhix waħda permanenti. Iċċitaw sentenza ta' din il-Qorti li naqqset il-persentaġġ minn 35% ghal 25% minħabba li l-pazjent f'testijiet simili jkollu t-tendenza li jesaġera sabiex jiżdiedlu l-kumpens.[4] Għalhekk il-perċentwal ta' 27% ukoll għandu jitnaqqas.

49. Din il-Qorti ma taqbilx li d-diżabilità mhix permanenti għaliex tista' tiġi ndirizzata permezz ta' *hearing aid*. Lanqas tara raġuni għala għandu jkun hemm tnaqqis mir-rata ta' 27%.

---

[4] Francis Abela v. Carmel Spiteri 26.04.2013 Qorti tal-Appell.

(3) Il-formola li għandha tiġi użata hija dik skont il-formola addotata fis-sentenza **Camilleri v Construct Furniture**[5] biex jiġi ddeterminat il-*weighted average* hija:

$$(27x27) + (2x2) + (8x8) = \frac{797}{(27+2+8)} = 21.5\%$$

Dan il-persentaġġ huwa bla preġudizzju għat-talba għal riduzzjoni tal-persentaġġi tad-diżabilitajiet rispettivi maħdumin mill-esperti mediċi.

(4) Fis-sentenza **Camilleri v Construct Furniture**, il-perċentwali tal-*weighted average* kien inqas mill-ogħla perċentwali ta' diżabilità. Għalhekk l-argument f'dan is-sens tal-attur ma jreġix; huwa appuntu għalhekk li teżisti l-formola, sabiex biha jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi sabiex dan ikun jirrifletti aħjar it-tnaqqis fl-*industrial efficiency*.[6]

50. Din il-Qorti tinnota li l-esperti waslu għall-*weighted average* skont formola li tinstab fl-abbozz ta' liġi,[7] li hija differenti mill-formola użata minn din il-Qorti.

51. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tuża' l-formola tal-*weighted average* li qiegħda tintuża' minnha stess. Lanqas

[5] Lawrence Camilleri v. Construct Furniture Company Ltd. 26.10.2022 Qorti tal-Appell.
[6] Degiorgio v. De Crema 28.01.2004
[7] L-espert mediku Mr Kenneth Muscat in kontroeżami a fol 817.

ma tara raġuni l-għala l-*weighted average* ma jistax ikun inqas mill-ogħla rata ta' xi diżabilità partikolari. Kemm għaliex rata bħal din issir mil-lat mediku u mhux mil-lat ta' effiċjenza industrijali kif ukoll billi tkun tirreferi biss għad-diżabilità f'organu partikolari.

52. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti il-*weighted average* għandu jkun ta' 21.5% kif suġġerit mill-konvenuti.

**Ir-raba' aggravju tal-appell prinċipali**

53. Ir-raba' aggravju tal-appellant huwa li ma jaqbilx mal-*lump sum deduction* ta' 16%. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "46. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas il-lump sum payment. Skont prattika kostanti stabbilita minn dawn il-Qrati, mis-somma fuq imsemmija, irid jitnaqqas l-ammont ta' 20% għal raġuni li tali kumpens isir f'daqqa u bil- quddiem ('lump sum percentage deduction'). Ġie stabbilit iżda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens għandu jingħata meta jkun għadda żmien qasir mill-inċident u s-Sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuż u d-data tal-pagament effettiv jgħaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'għandux iseħħ (ara Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001). Fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Anthony Turner et -vs- Francis Agius et, tat-28 ta' Novembru 2003 ġie osservat, li meta l-azzjoni ddum tkarkar, meta tingħata s- Sentenza finali, dan "għandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fini ta' 'lump sum payment". Dawn is-sentenzi jistabilixxu ukoll li l- persentaġġ li għandu jitnaqqas gradwalment mat-tabella taż-żmien fejn anke jista' jagħti każ, li dan il-prinċipju ma jiġi applikat xejn jew fil-minimu tiegħu possibbli.
>
> 47. Din il-Kawża ġiet presentata fil-21 ta' Awwissu 2017. Għalhekk ilha 'l fuq minn sitt snin pendenti. Ħadd mill-partijiet ma jaħti għal dan id-dewmien peress li l-kawża kien jeħtiġilha numru mhux ħażin ta' provi, għalkemm irid jingħad li kien hemm diversi seduti differiti minħabba l-epidemija, fattur li ġie fuq il-pajjiż kollu. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħoss, li lump sum payment għandu jkun ta' 16%. Dan ifisser li l-ammont li din il-Qorti ser tkun qed taħdem fuqu huwa ta' mitejn tmienja u

> sebgħin elf tlett mija u tlieta u erbgħin ewro (€278,343) (€331,360 – €53,017 [16%]).”

54. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li għandu jkun hemm tnaqqis ta’ 16%, tenut kont taċ-ċirkostanzi minnha msemmija.

**It-tieni aggravju tal-appell inċidentali**

**55. It-tieni aggravju tal-appell inċidentali** hu li l-konvenuti ma jaqblux mal-multiplikatur ta’ 38 li użat l-Ewwel Qorti. F’dan ir-rigward l-Ewwel Qorti irraġunat hekk:

> “42. Il-fatturi prinċipali li dejjem ittieħdu inkonsiderazzjoni mill-Qrati tagħna ai fini ta’ likwidazzjoni ta’ dan ix-xorta ta’ dannu huma principalment is-segwenti:
> l-aspettativa tal-ħajja lavorativa tal-individwu, il-perċentwal ta’ disabilita’ sofferta u l-qliegħ mankanti u telf futur li jkun soffra lid-danneġġjat bil-varjazzjonijiet li kull każ jista’ jġib miegħu.
>
> 43. Dak in-nhar tal-inċident, l-Attur kellu 21 sena (ara ċertifikat tat-twelid a’ fol 642). F’Kawżi bħal dawn, il-ħajja lavorativa hija marbuta minn meta seħħ l-att kolpuż sal-eta’ pensjonabbli. F’dan il-każ is-sena pensjonabbli tal-Attur a tenur tal-artikolu 2 tal-Kap. 318 hija dik ta’ 65 sena.
>
> 44. Kif jissottometti l-Attur fin-nota tiegħu a’ fol 847, il-multiplikatur ta’ 38 sena ikun ġust (a fol 847). Dan minħabba l-inċidenzi tal-ħajja u cioe’ “*the chances and changes of life”* (ara Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet *Saviour u Violet Sammut -vs- Robert Demanuele* tat-12 ta’ Lulju 2002). Dan ifisser, li ai fini ta’ kalkolu l-ammont ta’ snin li ser jittieħdu inkonsiderazzjoni huwa dak ta’ 38 sena. Fin-nota tiegħu a’ fol 873 u 874 il-konvenut jissottometti li l-multiplikatur għandu jkun ta’ 30 skont tabella li kienet saret mill-Imħallef Lino Farrugia Sacco. Iżda din il-Qorti taqbel li għandhom ikunu applikabbli l-prinċipji kif evolvew minn *Butler -vs- Hurd* u cioe’ id-danni kalkolabbli għandħom ikunu mill-eta’ tad-danneġġjat meta seħħ l- inċident sa l-eta’ tal-pensjoni.”

56. Il-konvenuti jisħqu li skont tabella addottata mill-Imħallef Lino Farrugia Sacco[8] li baqgħet tiġi użata b'mod konsistenti minn dawn il-Qrati, il-multiplikand għal persuna ta' 21 sena kellu jkun ta' 30 sena.[9] Din il-Qorti ma taqbilx. It-tabella hija użata bħala gwida u mhux bħala formola riġida, inflessibbli u arbitrarja. Hekk per eżempju f'sentenza riċenti applikat il-multiplikand ta' 25 (b'mod li wassal għall-eta` ta' 60 sena tal-vittima) għalkemm skont it-tabella, il-multiplikatur massimu għall-eta` 31-35 huwa ta' 22.[10]

57. Il-Qorti għandha tfittex, qabel kull ħaġa oħra, li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien qabel l-inċident. Mgħandhiex tagħmel sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-multiplikatur irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' tibdil possibbli fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja. Mgħandhiex tħaddem il-kriterju tal-multiplikatur bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara.[11]

58. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tbiddel il-multiplikatur użat mill-Ewwel Qorti.

---

[8] Carmen Borg v. Eric Zammit 11.12.2013 Prim'Awla.
[9] Il-konvenuti jiċċitaw lil Maria Dolores Scerri v. Paul Farrugia 30.03.2022; Ray Vella v. Anthony D'Anastasi 15.11.2023 Qorti tal-Appell.
[10] Trevor Grech v. Lawrence Agius 15.06.2023 Qorti tal-Appell.
[11] Rosaria Pintley v. Noel Sciortino 31.05.2019 Qorti tal-Appell.

**Ir-raba' aggravju tal-appell inċidentali**

59. Permezz ta' dan l-aggravju, il-konvenuti jsostnu li mgħandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża billi permezz ta' ittra mibgħuta lill-attur qabel infetħet il-kawża, talbuh jgħid x'danni kien qiegħed jippretendi. Jgħidu li l-attur qatt ma wieġeb din l-ittra. L-attur da parti tiegħu jsostni li qatt ma rċeviha. Din il-Qorti ma tara xejn inverosimili f'din l-allegazzjoni, speċjalment billi huwa fatt notorju li s-servizz tal-posta mgħadux effiċjenti bħalma kien qabel u mhux l-ewwel darba li ittri jiġu mpustati f'indirizz differenti minn dak indikat fuq l-ittri. Barra minn hekk, l-ittra saret mingħajr preġudizzju. Huwa magħruf li korrispondenza bħal din mgħandha qatt tinġieb a konjizzjoni tal-Qorti. Dan apparti li minkejja l-ittra, il-konvenuti baqgħu jikkontestaw kemm ir-responsabilità kif ukoll id-danni anke wara l-eżitu ta' proċeduri kriminali u wara r-rapporti tad-diversi esperti prodotti quddiem l-ewwel Qorti u saħansitra wara s-sentenza.

60. Dan l-aggravju għalhekk mhux qiegħed jiġi milqugħ.

61. Biex tindirizza l-**ħames aggravju tal-appell prinċipali,** *in vista* tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti qiegħda tikkalkula mill-ġdid id-danni kif ġej:

€9,863 salarju *gross* x 38 sena multiplikatur = €374,794

€374,794 + 20% għoli fil-pagi = €449,752.8

€449,752.8 x 21.5% rata ta' diżabilità = €94,672.96

€94,672.96 - (16% *lump sum* = €15,147.68) = €79,525.28

€79,525.28+ (€185 + €4,000) *damnum emergens* = €83,710.28

***Decide***

62. *In vista* tal-kunsiderazzjonijiet suesposti din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell inċidentali, u tilqa' *in parte* l-appell prinċipali billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-ammont li huwa għandu jħallas lill-attur bħala danni minħabba l-inċident għandu jkun ta' tlieta u tmien elf seba' mija u għaxar ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€83,710.28) u mhux ta' tlieta u sebgħin elf sitt mija u sebgħa u sittin ewro (€73,667), bl-imgħax mid-data tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell inċidentali a kariku tal-konvenuti; spejjeż tal-appell prinċipali nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss